# DEĊIZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tas-6 ta' Diċembru 2013

## dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2014

## *(BĊE/2013/46)*

(2013/796/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128(2) u l-Artikolu 140(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/387/UE tad-9 ta' Lulju 2013 dwar l-adozzjoni tal-euro fil-Latvja fl-1 ta' Jannar 2014 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tagħha,

Billi:

(1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv mill-1 ta' Jannar 1999 biex japprova l-volum ta' muniti maħruġin mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

(2) Id-deroga favur il-Latvja msemmija fl-Artikolu 4 tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003 hija abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

(3) Is-17-il Stat Membru li l-munita tagħhom hija l-euro u l-Latvja ppreżentaw lill-BĊE għall-approvazzjoni tiegħu l-istimi tagħhom tal-volum ta' muniti tal-euro li għandhom jinħarġu fl-2014, flimkien ma' noti spjegattivi dwar il-metodoloġija tat-tbassir,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

### Approvazzjoni tal-volum ta' muniti tal-euro li għandhom jinħarġu fl-2014

Il-BĊE b'dan japprova l-volum ta' muniti tal-euro li għandhom jinħarġu mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro fl-2014 kif deskritt fit-tabella li ġejja:

*(miljuni f'EUR)*

| | Il-ħruġ ta' muniti ddestinati għaċ-ċirkolazzjoni u l-ħruġ ta' muniti għall-kolletturi (mhux iddestinati għaċ-ċirkolazzjoni) fl-2014 |
|---|---|
| Il-Belġju | 24,925 |
| Il-Ġermanja | 655 |
| L-Estonja | 11,14 |
| L-Irlanda | 48,96 |
| Il-Greċja | 6,856 |
| Spanja | 201,24 |
| Franza | 267 |
| L-Italja | 58,36 |
| Ċipru | 5,1 |
| Il-Lussemburgu | 45 |
| Malta | 10,04 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 97,5 |
| Il-Latvja | 80,91 |
| L-Awstrija | 247 |
| Il-Portugall | 20,4 |
| Is-Slovenja | 12 |
| Is-Slovakkja | 21,4 |
| Il-Finlandja | 60 |

### *Artikolu 2*

### Dispożizzjoni finali

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u l-Latvja.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-6 ta' Diċembru 2013.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

([1]) ĠU L 195, 18.7.2013, p. 24.